# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 7 ta' Novembru 2001**

**Numru 15**

**Citaz. numru: 1510/96 M1 NA**

**Saviour Farrugia ufficjal inkarigat mis-sezzjoni arretrati ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tat-12 ta' April 1996 l-okkju ghandu jaqra Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Charles Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur nomine ppremetta:

"Illi skond ir-regolamenti vigenti w il-ftehim ta' kera u servizz ta' telephone bejn il-partijiet hawn anness a Dokument "A", il-konvenut ghandu jaghti lill-attur nomine s-somma ta'

Lm887.66 (tmien mija u sebgha u tmien liri Maltin u sitta u sittin centezmi) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telephone numru 483780;

Illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u telephone calls maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra ndikati fil-prospett dettaljat a Dokument "B";

Illi minkejja interpellat ihallas il-kont, il-konvenut baqa' inadempjenti;

TALAB li dina l-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm887.66 dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mat-telephone numru 483780 skond il-prospett esebit a Dokument "B", kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Awissu 1995 u l-Mandat ta' Qbid tat-23 ta' Mejju 1995 u bl-imghaxijiet kalkolati mill-kontijiet relattivi, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur nomine;

Semghet l-Avukat ta' l-attur nomine;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur nomine kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.